MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 212/2012

**Banif Bank (Malta) plc
C 41030**

**vs**

**Danny David Doneo Id No 119886(M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Gunju 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasaha s-somma ta' disa' t' elef, u sitta u disghin euro u hamsin centezmu (€9,096.50) rapprezentanti flejjes lilu mislufa tramite Loan Account 4934471001 u Current Account 4934410001 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjes kif deskritti u bl-imghaxijiet mill-20 ta' Gunju 2012 sad-data tal-pagament effettiv, u dana bir-rata ta' ghaxra punt hamsa (10.5%) fuq il-Loan Account u ghaxra fil-mija (10%) fuq il-Current Account kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, w il-Kunsill Lokali tan-Naxxar u fil-post tal-konvenut gewwa n-Naxxar, fit-23 ta' Ottubru 2012, u dan  skond ir-riferti pozittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 23 ta' Ottubru 2012 (fol 47 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-13 ta' Novembru 2012 (fol. 46) u fil-gazzetti lokali The Malta Independent fit-22 ta' Novembru 2012 (fol 52).

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 53).

Rat illi fis-seduti tat-18 ta' Jannar 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' t elef, u sitta u disghin euro u hamsin centezmu (€9,096.50) kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub mill-20 ta' Gunju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------